MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 43/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-esponenti u l-intimat izewgu fit-23 t' Ottubru, 1982 f'Victoria l-Awtralja (Dokument A), u sussegwentement huma stabilew ruhhom permanentement f'Malta;
2. Illi l-partijiet ma kellhomx ulied. In forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fit-13 ta' Gunju, 2006 (Dokument B) huma isseparaw legalment. Kif jidher skont l-istess kuntratt (klawsola 3) huma irrinunzjaw b'mod defenittiv ghad-dritt illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin;
3. Illi inoltre l-partijiet kienu isseparaw 'de facto' qabel sehhet is-separazzjoni legali konsenswalment bejniethom.

Ma tezisti l-ebda possibilita' kwalsiasi ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara xjolt iz-zwieg ikkontrattatt bejn l-esponenti u l-intimat kif inghad, fit-23 t' Ottubru, 1982; u
2. Tordna illi issir l-anotazzjoni opportuna ta tali dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg fl-att taz-zwieg tal-partijiet;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Gunju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg u illi fil-kuntratt tas-separazzjoni il-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------